MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Numru 1380/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**
**(Spettur Jason F. Sultana)**

**Vs**

**ELLIE BRIFFA**

**Illum, 15 ta' Dicembru 2011**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ELLIE BRIFFA** ta' tmintax-il sena, bint Nazzareno u Josephine Nee' Agius, imwielda Pieta' nhar l-10 ta' Awissu 1993, u residenti Tulip Flats, Flat 3, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, detentrici tal-Karta ta' l-Identita' 356793M giet imressqa quddiemha akkuzata talli nhar it-tlettax (13) ta' Dicembru 2011 ghal habta ta' l-ghaxra u

nofs ta’ filghodu (10:30) gewwa Tulip Flats, Flat 3, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex:

Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

U talli din l-ahhar sena gewwa l-Gzejjer Maltin kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wkoll talli fit-tnax (12) ta’ Dicembru 2011 u fil-granet qabel gewwa Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex jew f’xi inhawi

ohra f'dawn il-Gzejjer xjentement ghexet ghal kollox jew parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni;

U wkoll talli fix-xahar ta' Dicembru 2011 u fil-grante ta' qabel gewwa u inhawi f' Ta' Xbiex f'xi triq jew f'post ieħor pubbliku jew f'xi post espost għall-pubbliku tlejjet jew ghamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali;

Rat l-atti kollha tal-kawza u id-dokumenti kollha esebiti u cioe' fedina penali tal-imputata.

Il-Qorti, semghet lill-imputata tiddikjara illi m'ghandhiex mezzi finanzjarji w il-Qorti nnominat lil Dr Patrick Valentino sabiex jassisti lill-imputata bhala l-Avukat ta' l-Ghajnuna Legali.

Semghet lill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum, il-hmistax (15) ta' Dicembru 2011 tirtira l-akkuza illi l-imputata ghexet mill-qliegh ta' prostituzzjoni u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha..

Il-Prosekuzzjoni fl-istess seduta infurmat lill-Qorti illi l-imputata ghandha problemi ta' abbuz ta' droga Eroina u Cocaina, ghandha eta' tenera u ghandha bzonn l-ghajnuna.

L-imputata obbligat ruhha illi hija tbiddel l-indirizz taghha u tfittex banda ohra 'il boghod mill-Gzira una volta tinghata l-oppotunita minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-Artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum 15 ta' Dicembru 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibha hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq biex jekk riedet, setghet terga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghha giet registrata fl-atti ta' din il-

kawza fl-istess seduta tal-15 ta' Dicembru 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghha.

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi Artikolu 7 (2) tal-kap 63 tal-ligijiet ta. Malta u r-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputata ELLIE BRIFFA hatja tal-akkuzi salv ghal dik l-akkuza li gja astjeniet ruhha minnha u tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum u tpoggiha taht l-ordni tal-*probation* ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta hawn annessa mas-sentenza u dan taht il-kundizzjonijiet annessi mad-digriet ta' din il-Qorti u cioe' :-**

**1. li l-imputata ghandha taghmel programm ta' rihabilitazzjoni residenzjali kontra l-abbuz mid-droga;**

**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputata iggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**3. li l-imputata tibqa' zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat taghha fid-dar taghha;**

**4. li l-imputata minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**5. li l-imputata tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputata.**

**6. tbiddel l-indirizz taghha fis-sens li tikri proprjeta’ li fil-fehma tal-probation officer ikun idoneu u dan sakemm tibda l-programm residenzjali taghha.**

Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita’ tieghu u x’jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta’ tlett [3] snin.

Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.

Tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Avukat Generali flimkien ma’ l-atti kollha ta’ dan il-process fi zmien tlett ijiem mil-lum ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------